**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGHAR 2003**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

## TAQSIMA A

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Għaliex il-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla? ______________________________

______________________________________________________________

2. Għaliex il-Fidi bla raġuni hi Fidi żbaljata?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. X'jiġrilu l-bniedem meta jagħmel dnub? ______________________________

______________________________________________________________

4. Ġesù ma' x'hiex xebbaħ lill-Knisja Tiegħu? Agħti żewġ eżempji.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Għaliex lil Ġesù nsejħulu 'l-Ħaruf ta' Alla'? ______________________________

______________________________________________________________

6. Xi tfisser il-kelma 'Ewkaristija'? ______________________________

______________________________________________________________

7. Semmi erba' Kotba mit-Testment il-Qadim. ______________________________

______________________________________________________________

8. B'liema kliem Ġesù ordna lill-appostli biex ikomplu jfakkru l-Aħħar Ċena Tiegħu?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. Għaliex il-Knisja tissejjaħ 'Kattolika'? ______________________________

______________________________________________________________

10. Liema hija l-akbar prova li Ġesù hu Alla? ______________________________

______________________________________________________________

**(20 marka)**

## TAQSIMA B

**Aqra din is-silta ta' hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla."

"L-ewwel jum: U qal Alla: "Ħa jkun id-dawl!" u d-dawl sar. U ra Alla d-dawl li kien tajjeb."

1) Min ħalaq is-sema u l-art? ______________________________ (2 marki)

2) F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tal-ħolqien? ______________ (2 marki)

3) Għaliex l-Awtur iqassam ir-rakkont f'sebat ijiem? ____________________
______________________________________________ (2 marki)

4) a) Għaliex f'dan ir-rakkont insibu din ir-ripetizzjoni?
"u dalam u sebaħ" ______________________________
______________________________________________ (2 marki)

b) Fisser din ir-ripetizzjoni li nsibu wkoll f'dan ir-rakkont:
"u ra Alla li kien tajjeb" ______________________________
______________________________________________ (2 marki)

5) X'messaġġ ried jagħti l-awtur ta' dan ir-rakkont meta jgħid li Alla ħalaq lill-bniedem wara li ħalaq l-univers, il-ħxejjex u l-annimali?
______________________________________________
______________________________________________ (2 marki)

6) Kompli din is-sentenza: Alla qal, "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u
__________ __________." (2 marki)

7) Fisser is-sentenza **numru 6**. ______________________________
______________________________________________
______________________________________________ (2 marki)

8) X'inhi t-teorija tal-evoluzzjoni? ______________________________
______________________________________________ (2 marki)

9) Jista' n-nisrani jaċċetta t-teorija tal-evoluzzjoni? ____________________
______________________________________________ (2 marki)

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ċ

Agħżel **waħda** minn dawn ir-reliġjonijiet : **l-Induiżmu, il-Buddiżmu u l-Iżlam.**
Ikteb fuqha paragrafu ta' madwar 50 kelma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ **(10 marki)**

Kif għandu jġib ruħu n-nisrani ma' nies ta' reliġjonijiet differenti?
Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ **(10 marki)**

## Sezzjoni D

**Wieġeb fit-tul <u>TNEJN</u> minn dawn l-erba' mistoqsijiet fuq karta separata.**

**1. "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-Poplu tiegħi fl-Eġittu."**

a) Irrakkonta l-ġrajja kif Alla sejjaħ lil Mosè fuq il-muntanja Ħoreb u bagħtu biex jeħles lill-Poplu Lhudi mit-tbatija tal-Eġittu.

b) F'din il-ġrajja tal-ħelsien tal-Poplu Lhudi mill-Eġitttu, il-Mulej Alla jurina min Hu. X'tgħallimna din il-ġrajja dwar Alla?

ċ) Alla jistenna minna li nkunu fidili lejh. Kif jistgħu żgħażagħ tal-età tiegħek ikunu fidili lejn Alla u xi jridu jagħmlu fil-prattika?

**(20 marka)**

**2. Miblugħin u mistagħġbin bdew jgħidu, "Dan min HU?""**

a) Semmi **<u>tliet kwalitajiet</u>** sbieħ li l-aktar li jolqtuk fil-persuna ta' Ġesù Kristu u rrakkonta ġrajja fejn Ġesù wera din il-kwalità.

b) Għaliex il-ġrajja tal-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù hi l-qofol tat-twemmin Nisrani kollu?

ċ) X'għażliet irridu nagħmlu f'ħajjitna biex niftħu qalbna għal Kristu? Agħti **<u>tliet eżempji</u>**.

**(20 marka)**

**3. "Nemmen fi Knisja Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika"**

a) X'tifhem bil-kelma 'Knisja'?

b) Fisser **<u>tnejn</u>** minn dawn:
   i) Il-Knisja bħala l-Poplu l-Ġdid ta' Alla.
   ii) Il-Knisja bħala l-Familja ta' Alla.
   iii) Il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu.

ċ) X'sehem għandhom ikollhom iż-żgħażagħ fil-Knisja?

**(20 marka)**

**4. "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, imma l-morda."**

a) Irrakkonta ġrajja mill-Vanġelu fejn Ġesù ħafer lil xi midneb jew midinba? X'jistenna Ġesù mill-midneb?

b) X'inhu s-sagrament tal-Qrar u għaliex għandna bżonnu?

ċ) X'jeħtieġ li nagħmlu biex niksbu l-ħbiberija ma' Alla permezz tal-Qrar?

**(20 marka)**